# KOPERATTIVA

# PRODUTTUTI

# TAZ-ZEBBUG

# LIMITED

# RAPPORT ANNWALI

# GHAS-SENA 2023

## 1. Introduzzjoni

1.1. Il-Koperattiva Produtturi taz-Zebug Limited twaqqfet bl-inizjattiva ta' Jimmy Magro, li kien sejjah laqgha fil-Kunsill Lokali tas-Siggiewi fit-18 ta' Novembru, 2022. Kien hemm attendenza sabiha u dawk prezenti qablu li ghandu jkun hemm ghaqda li tigbor fiha lill-dawk li jkabbru iz-zebbug. Ghalhekk inhatar kumitat provizorju sabiex ihejji aktar dettalji dwar it-tlett ghazliet li tressqu quddiem dawk prezenti.

1.2. Fid-9 ta' Dicembru, 2022 sar meeting online u gie deciz li titwaqqaf koperattiva bl-isem Koperattiva Produtturi taz-Zebbug Limited. Wara dan il-meeting online, ittiehdu l-inizjattivi mehtiega sabiex jithejjew id-dokumenti mehtiega biex tigi registrata il-koperattiva b'hames membri li huwa il-minimu rikjest bil-ligi.

1.3. Il-Kumitat Provizorju sab l-ghajnuna ta' Koperattivi Malta u b'hekk setgha jsir il-business plan ghall-Koperattiva. Finalment id-dokumenti kollha kienu lesti lejn l-ahhar ta' Jannar 2023 u ittiehdu lill-Bord tal-Koperattivi fis-26 ta' Jannar, 2023.

1.4. Il-Bord tal-Koperattivi approva l-applikazzjoni tal-Koperattiva Produtturi taz-Zebbug Limited fis-27 ta' Frar, 2023 minghajr ma' ghamel l-ebda osservazzjoni u dan kien jindika li x-xoghol kollu kien sar b'mod professjonali u korrett.

## 2. Laqgha Generali Straordinarja

2.1. Il-KPZ ghamlet il-Laqgha Generali Straordinarja fit-12 ta' Mejju, 2023 fejn gie elett il-Kumitat tat-Tmexxija kif gej:

| | |
|---|---|
| President | Jimmy Magro |
| Vici- President | Rene Borg |
| Segretarju | Salvu Borg |
| Tezorier | Carmen Spiteri |
| Membri | Roderick Desira |
| | Raymond Camilleri |

Bejn il-Laqgha Generali Straordinarja u l-ahhar tas-sena 2023 saru 12 il-laqgha tal-kumitat u l-attendenza tinsab annessa ma' dan ir-rapport. Diversi membri tal-Kumitat taw il-kontribut taghhom billi attendew laqghat ma diversi korpi, hadu sehem fl-attivitajiet tal-Koperattiva u anke kienu strumentali biex gew organizzati diversi inizjattivi ta' benficcju lill-membri u lill-koperattiva.

**3. Bank of Valletta plc**

Il-Kumitat tat-Tmexxija fetah proceduri sabiex ikollu facilitajiet bankarji mal-Bank of Valletta plc. Wara izjed minn 8 xhur jinnegozja u jforni dokumenti, il-Koperattiva kellha l-access ghall-kontijiet taghha mal-Bank of Valletta fejn illum il-kontijijet huma mhaddma minn tlett ufficjali tal-Kumitat tat-Tmexxija. Il-Koperattiva topera mill-Fergha tas-Siggiewi u s'issa dejjem kellna l-koperazzjoni shiha tal-ufficjali tal-Bank.

**4. Ministeru tal-Agrikoltura**

4.1. Mill-bidu nett, il-Koperattiva talbet li jkollha relazzjonijiet tajbin mal-Ministeru tal-Agrikoltura u ghalhekk kienet saret laqgha mas-Segretarju Permanenti s-Sur Charlo Camilleri. Kellhom jghaddu xhur sakemm il-Koperattiva bdiet tinghata l-widen li kien jisthoqqilha. Min-naha taghna urejna perseveranza u bqajna ninsistu li l-Koperattiva tinghata r-rikonoxximent li ghandu jkollha bhala rapprezentant tas-settur taz-zebbug gewwa Malta u Ghawdex.

4.2. Bil-ftit il-ftit, il-messagg taghna beda jasal u fl-ahhar sar qbil li jsir Memorandum of Understanding biex ikollna t-triq mifthema fejn irridu naslu. L-MoU gie ffirmat fit-30 ta' Ottubru, 2023 u jelenka numru ta' inizjattivi li se jinhadmu bil-koperazzjoni taz-zewg nahat. Dawn huma:

1.5.1 Strengthening collaboration between olive producers.

1.5.2 Training programmes to promote quality olive growing in Malta with a focus on organic farming.

1.5.3 Promotion of organic olive growing to the members of the Cooperative

1.5.4 Achievement of recognition of quality labels and labels of geographical designation including PDO and PGI

1.5.5 The setting up of olive pressing facilities to produce organic olive oil.

1.5.6 Marketing and education campaigns for the promotion of quality and organic certified local extra virgin olive oil.

1.5.7 Recognition of the Cooperative as a Producer Organisation.

1.5.8 Provision of services for the chemical analysis of locally produced olive oil.

4.3. Inzammu numru ta' laqghat mal-Ministru tal-Agrikultura, mas-Segretarju Permanenti, u mad-Direttur tal-Agrikoltura. Matul dawn il-laqghat il-Koperattiva ressqet talbiet fl-ahjar interess tal-produtturi taz-zebbug bhal per ezempju talba sabiex kull produttur jinghata is-somma ta' €44.59 kull sigra taz-zebbug kull sena. Din hija l-istess rata li tinghata lis-sigra tal-harrub, cawsli u tuta u ghalhekk nemmnu bis-shih li din l-ghajnuna ghandha tinghata lis-sigra taz-zebbug ukoll.

4.4. Il-Koperattiva ressqet proposta sabiex jibda jitqassam l-ilma bil-bowser specjalemnt fejn ma hemmx il-provvista ta’ new water. Il-Gvern wieghed li se jkun qed jahdem fuq il-proposta sabiex jitqassam l-ilma lill-bdiewa.

4.5. Il-Koperattiva talbet ukoll li l-Gvern jibda jipprovdi servizz ta’ laboratorju b’xejn biex ikun testtjat iz-zejt li jsir minn Malta u Ghawdex. Id-Direttur tal-Agrikoltura huwa fl-obbligu li jipprovdi dan is-servizz skond il-Ligi u ghalhekk ahna se nkomplu ninsistu li dan is-servizz jinghata lis-settur taz-zebbug.

4.6. Il-Koperattiva ghamlet proposta biex isir it-tahrig tal-membri u dan sar darbtejn: kemm fis-sena 2023 u kemm fis-sena 2024. Fis-sena 2023 kien sar tahrig l-ghammieri, fl-ghelieiqi u l-Koperattiva tal-Mgarr; fil-waqt li fl-2024 sar tahrig l-Ghammieri, fl-ghelieqi u sar tahrig dwar iz-zejt fl-Ghammieri. It-tahrig kien l-izjed mixhut fuq iz-zbir u l-insetti u l-mard; kollu tahrig ta’ utilita ghall-produtturi taz-zebbug.

4.7. Il-Koperattiva qed tahdem biex jizdied iz-zebbug taht kultivazzjoni organika. Izda ghandha riservi shah dwar il-metodu u r-rizorsi li qed jinghataw is-settur organiku. Il-Koperattiva talbet sabiex:

1. the setting up of a joint website by MoA and MCCAA to combine all the information, processes, data, news under one website easily accessible to all those interested in the organic sector; the fact that the information is split between a number of entities does not encourage the implementation of the national strategy for the organic sector.

2. the compilation of a detailed handbook on the conversion process and the production of agricultural food under organic certification; to be produced in printed form and online

3. the financial incentives for organic food should remain open during the current programming period so that any interested farmer may apply for the conversion incentives at any given time (and not within a time period);

4. the opening of discussions with the scope to reduce the high fees being charged by MCCAA for the organic sector; if we really want to encourage the increase in organic production, the fees must be reduced to a minimum as part of the incentive package;

5. the publication of legal regulations on the traceability of organic food, and the setting up of a national system for traceability that should be operated, maintained and financed by the national Government.

4.8. Min dan kollu ma gie implimentat xejn u jidher li min qed imexxi is-settur organiku ghandu interessi ohrajn. Taht dawn ic-cirkustanzi ftit li xejn li jidhrilna li ghandna ghalfejn noqghodu nikkumbattu meta haddiehor jinjora kull proposta genwina li ssir fl-interess tas-settur organiku.

4.9. Il-KPZ talbet lid-Direttur tal-Agrikoltura sabiex tibda ssir il-propagazzjoni tal-Bidni, is-sigra indigena Maltija. L-istess ma sar xejn u hawn domanda li mhux qed tigi milqugha. Issa qed nippruvaw naghmlu progett bhala Koperattiva u naghtu izjed dettalji aktar il-quddiem.

4.10. Beda isiru laqghat taht it-Task Force stabilita bl-MoU li sar mal-Ministeru. It-Task hija ffurmata minn Brian Vella, Marcu Dimech u Sonia Sammut ghall-Ministeru u Jimmy Magro u Salvu Borg ghall-Koperattiva. F’wahda mill-ewwel seduti gew diskussi numru ta’ suggetti ta’ interess ghaz-zewg komuni.

Il-Koperattiva ghadha mhux sodisfatta bil-livell ta' appogg li irceviet sa' issa u se nkomplu nitolbu li dak li huwa taghna, jinghata bi dritt.

**5. Malta Food Agency**

5.1. Fil-Malta Food Agency sibna wens sod u ragonevoli. Mill-ewwel laqgha li saret bejn il-Koperativa u l-MFA, mill-ewwel kien jidher li se ssir hidma flimkien u fil-fatt hekk gara.

5.2. Il-Koperattiva inghatat din l-ghajnuna matul dawn l-ahhar xhur:

a) reklam ta' 900 euro biex jghamel tajjeb ghall-website tal-koperattiva;

b) hlas ta' 2,000 euro biex saru l-applikazzjonijiet tal-PDO u PGI biex ikollna l-istandards Ewropej ghas-settur taz-zejt;

c) reklam ta' 600 euro biex setgha jsir l-istampar tal-ktejjeb "Your First Step in the Olive Oil Business"

d) hlas tal-partecipazzjoni tal-President tal-koperattiva fil-fiera WOOE f'Madrid fi Spanja

e) ghandu jsir il-pagament tal-ispejjez tal-attivita li saret fit-13 ta' Jannar, 2023 f'Ta' Qali.

f) qed issir Marketing Strategy Report dwar il-qasam taz-zebbug sabiex ikollna stampa cara dwar il-potenzjal tas-settur taz-zebbug u zejt taz-zebbug.

5.3. Flimkien mal-MFA, qed isiru diskussjunijiet dwar:

a) il-Malta International Olive Oil Competition

b) Information Campaign dwar l-extra virgin olive oil

c) Marketing barra minn Malta

d) Promozzjoni ta' Prodotti Lokali fis-swieq lokali u barranin

**6. Ministeru tal-Edukazzjoni**

6.1. Inzammu diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex il-Koperattiva torganizza attivitajiet ghall-istudenti fl-iskejjel pubblici biex l-istudenti jkollhom opportunitjiet li johrogu mill-klassi u jzuru olive groves u japprezzaw is-sigra taz-zebbug. Ghamilna offerta sabiex l-istudenti kollha jibdew jinghataw 25ml extra virgin olive oil mill-inqas darbtejn fil-gimgha u dan bhala parti minn pjan biex l-istudenti jkunu aktar b'sahhithom. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ma accettax l-ebda proposta minn dawn.

6.2. Il-KPZ zammet koperazzjoni tajba hafna mal-Home Economics unit tal-Iskejjel Primarji; fejn sar workshop ghat-teachers tal-Head Office biex jinghata taghrif dwar l-extra virgin olive oil, ghamilna zjara ghand olive growers u anke olive mill. Huwa mistenni li dawn il-laqghat ikomplu fil-futur.

**7. Universita ta' Malta**

7.1. Il-KPZ ipproponiet li taghmel MoU mal-Universita ta' Malta sabiex jsir program ta' ricerka dwar iz-zebbug u zejt taz-zebbug. Wara diversi laqghat u skambji, u minghajr ebda raguni valida, l-Universita ta' Malta infurmatna li kienet se tirtira mill-ftehim li kien lest ghall-firma. Il-KPZ tikkundanna din id-decizjoni tal-Universita ta' Malta ghaliex mhux ibbazata fuq logika jew gustizzja.

7.2. Il-KPZ ghamlet koperazzjoni mal-Professur Suzanne Piscopo, mill-Universita ta' Malta. Wara diskussjoni twila mal-President, sar ftehim li jinzammu attivtiajiet bejn iz-zewg nahat u dahhalna wkoll lill-Malta Food Agency. Din l-attivita u li kienet success saret nhar is-Sibt 13 ta'Jannar, 2024 fil-Farmers market, Ta' Qali fejn tqassmu ricetti, ikel u sar loghob ghat-tfal, kif ukoll kellna bejgh ta' madwar 500 Euro zejt bil-marka ta' Malita.

**8. MCAST**

8.1. Il-KPZ ghamlet poposata sabiex ikun iffirmat MoU mal-MCAST – Dipartiment tal-Biedja. Dan sabiex studenti jkunu jistghu jaghmlu ricerka taghhom dwar iz-zebbug u b'hekk jibda jkollna studji xjentifici dwar l-ahjar mezzi ta' produzzjoni. Ippruvajna naghmlu hidma flimkien mal-MCAST biex inhajjaru studenti jidhlu jitghallmu suggetti li ghandna bzonnhom jekk se nkomplu nkabbru is-settur taz-zebbug. Ma kien hemm ebda interess mill-MCAST li jkun hemm koperazzjoni bejn il-LPZ u L-MCAST u hhuwa hasra li f'dan il-pajjiz kulhadd irid jibni it-trri tal-iborju tieghu minflok li ssir hidma flimkien ghal gid komuni.

**9. MALITA Brand**

9.1. Il-Kumitat tal-KPZ mill-ewwel beda jahseb biex jaghmel marketing ghall-prodott taz-zejt EVOO. Ghalhekk gie deciz brand name ta' MALITA u saret label sabiex tintuza fuq il-flixken tal-EVOO tal-KPZ. Il-Kumitat ghamel applikazzjoni mad-Dipertiment tal-Kummerc u llum ghandu il-maka tieghu MALITA registrata mad-Dipartiment u protetta fejn hadd ma jista juza dan l-isem.

9.2. Iz-zejt EVOO li qed jinxtara minghand il-membri tal-Koperattiva u jinbiegh f'postijiet pubblici u minn fuq il-Facebook u l-website, qed kollu jinbiegh bl-isem tal-marka MALITA.

**10. Agricultural Cooperative Limited**

10.1. Il-KPZ u l-ACL iffirmaw ftehim ta' koperazzjoni fejn il-membri tal-KPZ jinghataw skond ta' 5% fuq ix-xiri li jsir minghand ACL. Fl-istess hin il-KPZ qed tinforma lill-ACL xi prodotti ghandhom jjigu impurtati biex jintuzaw fis-settur taz-zebbug u dan ikun ta' gwadan ghall-membri tal-KPZ.

**11. Koperattivi Malta**

11.1. Il-KPZ iltaqghet kemm ma' Koperattivi Malta u kemm mal-Federazzjoni tal-Koperattivi Maltin. Meta ghamilna l-ghanalizi, hadna decizjoni li nsiru membri ta' Koperattivi Malta u bdejna nahdmu mat-team formidabbli li hemm imexxi Koperattivi Malta. Kellna ghajnuna fl-applikazzjoni mal-Bord tal-Koperattivi u wara anke gejna moghtija donazzjoni ta' 1000 Euro biex inkunu nistghu nibdew nahdmu. Bhal ma tafu intom, il-KPZ qed tuza l-ufficini ta' KM sabiex naghmlu il-laqghat kollha hawn, li huwa post addattat hafna u centrali.

11.2. Huwa mistenni li fix-xhur li gejjin din il-koperazzjoni tkompli tikber u tissahhah ghaliex qed isiru tahditiet godda fuq uggetti ohrajn. **Tajjeb li nghidu li f'Dicembru 2023, il-KPZ rebhet il-Premju BEST NEWCOMER COOPERATIVE ghas-sena 2023 minn fost il-membri kollha ta' KM.**

11.3. Rapprezentanti tal-Kumitat tat-Tmexxija attendew u hadu sehem fid-diskussjoni f'konferenzi li gew organizzati ghal Jum il-Koperattivi: wahda organizzata mill-Parit Nazzjonalista u l-ohra mic-Central Cooperative Fund.

## 12. Traceability Conference

12.1. Minkejja li konna biss ftit xhur li bdejna nahdmu, fl-4 ta' Lulju, 2023 ghamilna konferenza nazzjonali dwar traceability fis-settur taz-zejt. Ghal din il-konferenza kienet attendiet u indirizzat il-konferenza Ms. Soraya Hosni, CEO ta' Clever Harvest Inc. Gie ffirmat ukoll letter of intent ukoll u dawn l-istess diskussjonijiet kienu baqghu ghaddejjin sa' Novembru 2023. Minhabba li l-KPZ riedet li jkollha software li jorbot il-grower mal-miller meta jkun qed isir il-hsad, u din il-kumpanija ma kelliex dan, konna ghamilna pause fin-negozjati sakemm ikollhom din il-kapacita.

## 13. Marki ta' Kwalita

13.1. Il-KPZ, flimkien mal-Malta Food Agency u l-KonFederazzjoni tal-Bdiewa u Sajjieda ta' Ghawdex, applikat biex jsiru l-marki ta' kwalita – PDO u PGI ghaz-zejt EVOO ta' Malta. Il-PDO ikun EVOO maghmul minn sigar taz-zebbug indegini u jrid ikollu 60% BIDNI; filwaqt li l-PGI jista jkun minn kull kultivar iehor, basta iz-zebbuga u l-process kollu jkun sar hawn Malta. Dan huwa process li jiehu zmien izda hemm bzonnu biex inkunu nistghu nikkontrollaw il-kwalita tal-prodott taghna. F'Marzu 2024 se jkomplu id-diskussjonijiet u wara li dan, il-poposti jigu mibghuta Brussel biex jibdew isiru diskussjonijiet mal-pajjizi kollha tal-Unjoni Ewropeja.

13.2. Il-KPZ ghamlet zewg laqghat ta' konsultazzjoni dwar id-dokumenti ta' marki ta' kwalita. Saret laqgha Ghawdex u wahda Malta. Iz-zewg laqghat gew diskussi id-dokumenti li qed jigu proposti bhala parti mill-process ta' konsultazzjoni biex jigu finalizzati dawn id-dokumenti.

## 14. Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq

14.1. Il-KPZ talbet lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex ikun hawn izjed ismijiet ta' toroq msemija ghas-sigra taz-zebbu, zebbug u/jew zejt taz-zebbuga. Huwa ta' min jinnota li din is-sigra ghandha storja twila hafna f'Malta u ghalhekk ghandha tkun meqjusa bhala parti mill-patrimonju taghna. Ahna nheggu lill Kunsilli Lokali illi meta jigu biex isemmu toroq godda, jahsbu fiz-zebbug ghaliex hija sigra Mediterranja u li tisthoqq li tkun imsemmija madwar izjed toroq ta' Malta u Ghawdex.

## 15. Intervisti mal-President tal-KPZ

15.1. Il-President tal-KPZ gie intervestat b'mod esklussiv mill-Olive Oil Times, magazine mondjali dwar l-industrija tal-EVOO. Din l-intervista giet imxandra fil-31 ta' Awissu, 2023 u fiha l-President tkellem dwar l-inizjattivi li qed tiehu il-Koperattiva biex is-settur ikun wiehed b'sahhtu, modern u effettiv.

15.2. Il-President tal-KPZ gie ntervistat ukoll mill-EU CAP Network. Fl-intervista il-President tkellem dwar kif giet lidea li titwaqqaf koperattiva u x'kienu il-miri li jridu jintlahqu. Huwa qal li wahda mill-miri li ghandha il-Koperattiva hija li jkun hawn settur modern li kapaci jikkompleti fis swieq u li jkollna prodott ta' kwalita li jista jersaq f'kull suq fid-dinja.

**16. Partecipazzjoni f'Wirjiet ta' Prodotti**

16.1. Il-KPZ hadet sehem f'numru ta' wirjiet ta' prodotti billi gew ipprezentati flixken taz-zejt bil-marka MALITA. Fost dawn il-wirjiet insibu: Festival taz-Zejt, Zejtun; Wirja ta' Prodotti Lokali, Parlament, Valletta; Farmers' Market, Ta' Qali; Wirja tal-Ikel, Gappun. Din il-partecipazzjoni tkompli tqajjem interess fil-prodott lokali u tal-Koperattiva sabiex nifthu bibien godda ghall-prodotti tal-membri taghna.

16.2. Matul il-jumejn 26 u 27 ta' Frar, 2024 il-President tal-KPZ attenda il-World Olive Oil Exhibition f'Madrid. Din iz-zjara saret permezz tal-ghajnuna mill-Malta Food Agency. L-iskop ta' din iz-zjara kienet li jsir gbir ta' informazzjoni dwar l-andament tal-fiera u biex naraw ikunx f'waqtu li niehdu sehem sena ohra. Matul il-Fiera saru kuntatti ma numru ta' esebituri u kif ukoll saret laqgha importanti mid-Direttur Ezekuttiv tal-IOC Mr. jaime Lillo. F'din il-laqgha saru diskusjonijiet dwar koperazzjoni bejn Malta u l-IOC, inkluz ghajnuna teknika dwar laboratorju taz-zejt li ghandu jsir f'Malta.

**17. Testijiet taz-Zejt**

17.1. Il-KPZ ghamlet ftehim ma' Koperattiva fl-Italja sabiex isiru it-testijiet taz-zejt minn Malta. Il-Koperattiva harget rati specjali ta' 100 Euro ghall-chemical analysis u 150 Euro biex isiru chemical u sensory analysis. Matul is-sena 2023 kien hemm erba membri li baghtu is-samples taghhom u kollha kienu sodisfatti bir-rizultat miksub.

**18. Progetti tal-Unjoni Ewropeja**

18.1. Il-KPZ applikat biex twettaq progett dwar Genetic Resources biex nkabbru is-sigra tal-BIDNI. Dan il-progett jinsab fi stadju ta' evalwazzjoni u huwa mistenni li fi ftit taz-zmien iehor ikollna twegiba finali jekk il-progett giex approvat jew le. Dan huwa progett li ghandu budget ta' l fuq minn 377,000 Euro u se jhalli madwar 1000 sigra tal-bidni biex jitqassmu lill-memri, kif ukoll ricerka xjentifika dwar is-sigar taz-zebbug.

18.2. F'Settembru 2023, il-President tal-KPZ attenda ghall-Info-Days fi Brussel dwar Horizon Europe fejn saru kuntatti biex nidhlu ghal dawn il-progetti. Saru applikazzjonijiet ta' progetti li jinsabu ghall-evalwazzjoni. Din iz-zjara kienet iffinanzjata mill-Malta Council for Science u Technology fejn thallset is-somma ta' 821.82 Euros.

19.2. Din is-sena (2024) kien hemm baraxx ta' sejhiet ghall-progetti taht diversi skemi bhal ma huma PRIMA, Interreg-Med, Italia-Malta, Erasmus+, LIFE, ERDF, u skemi ohrajn. Il-KPZ qed tahdem sabiex tiehu sehem f'dawn l-iskemi sabiex jitwettqu progetti ta' ricerka li jhallu l-frott fuq is-settur taz-zebbug.

## 20. Malta EVOO Academy

20.1. Il-Malta EVOO Academy giet imwaqqfa fil-25 ta' Ottubru, 2023 b'decizjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija. L-iskop tal-Academy huwa:

**TRAIN** and qualify professionals capable of providing support to companies in the olive sector.

**SUPPORT** knowledge of Extra Virgin Olive Oil and olive growing through the creation of training courses and seminars of a higher and university nature.

**PROMOTE** knowledge and research relating to the health benefits of EVOO and table olives.

**SPREAD** knowledge of EVOO and table olives among students, consumers, agricultural entrepreneurs, mill operators, large-scale retail purchasing managers, catering operators.

20.2. Il-Malta EVOO Academy diga bdiet bl-attivitajiet taghha u hija mistenni li tkompli twettaq aktar inizjattivi fix-xhur li gejjin.

## 21. Konferenza Nazzjonali

21.1. Bhala parti mill-attivitajiet biex jigi mfakkar World Olive Tree Day, il-KPZ organizzat konferenza nazzjonali fejn il-kelliema kienu:

Opening remarks were also made by the Minister of Agriculture **Dr. Anton Refalo**, **Mr. Brian Vella**,CEO of Malta Food Agency and **Mr. Daniel Schembri,** CEO of Koperattivi Malta.

**Ms. Ingrid Borg,** Director of Regulatory Affairs, MCCAA who spoke about the process to have the PDO and PGI quality standards approved and issued by the Regulator;

**Mr. James Gauci**, Manager, Paying Agency who spoke about the financial incentives for organic cultivation

**Ing. Francis Farrugia** who spoke about the technical aspects for the conversion and certification of organic cultivation

The Conference was also addressed by two international experts:

**Ms. Imene Trabelsi Trigui**, Head of the Promotion Department of the International Olive Council, Madrid who spoke about the role of the IOC in the olive sector;

**Ms. Sonda Laroussi**, CEO of Olea Conseils, Tunisia who spoke about the experience of the Tunisian olive sector.

21.2. Il-KPZ, flimkien mal-Ministru Miriam Dalli u rapprezentanti ta' Ambjent Malta, wahhlu numru ta' sigar taz-zebbug BIDNI fil-masgar tal-Buskett.

**22. Esperti Barranin**

22.1. Matul din is-sena 2023, il-KPZ kellha numru ta' esperti li gew jiddiskutu mal-KPZ sensiela ta' progetti u koperazzjoni.

22.2. F'Lulju 2023, giet Malta Ms. Hosni Soraya, CEO of Clever Harvest Inc., li indirizzat il-konferenza li saret f'Lulju 2023 u kellna diskussjonijiet dwar progetti ta' marketing;

22.3. F'Dicembru 2023 giet Malta Ms. Imene Trabelsi Trigui, Head of the Promotion Department of the International Olive Council, Madrid li indirizzat il-konferenza li saret f'Dicembru u kellna diskussjonijiet dwar koperazzjoni bejn il-KPZ u l-IOC. Iz-zjara ta' Ms. Trabelsi f'Malta inghatat prominenza fl-newsletter tal-IOC ghax-xhur ta' Novembru-Dicembru 2023. Tajjeb li jinghad li din kienet l-ewwel zjara f'Malta ta' Ufficjali mill-IOC f'Malta u dan sar permezz tas-sahha tal-Koperattiva.

22.4. F'Dicembru 2023 giet Malta **Ms. Sonda Laroussi**, CEO of Olea Conseils, Tunisia li indirizzat il-konferenza li saret f'Dicembru u kellna diskussjonijiet dwar koperazzjoni bejn il-KPZ u Tunezija; fil-fatt Olea Conseils hija partner fil-progett tal-Genetic Resources bhala parti minn din il-koperazzjoni.

**23. KM Awards**

23.1. Il-KPZ rebhet il-Premju **Best Newcomer Cooperative 2023** mill-lista ta' Awards li inghataw minn Koperattivi Malta f'attivita li saret ghall-membri tal-koperattivi nhar is-7 ta' Dicembru, 2023. Dan huwa unur li jaghmel gieh kbir lill-Koperattiva u juri kemm il-hidma tal-Koperattiva kienet wahda li halliet impatt fuq ix-xena lokali.

**24. Turizmu taz-Zebbug**

24.1. Il-KPZ lahqet ftehim mal-Malta Tourism Authority sabiex jigi zviluppat il-prodott tat-turizmu taz-zebbug f'Malta u Ghawdex. Barra minn hekk il-KPZ intrabtet li taghmel training lill-operaturi, tizviluppa siti u heritage trails sabiex it-turisti jkollhom opportunitta li jzuru attrazzjonijiet marbutin mas-settur taz-zebbug u dan ikun ifisser dhul addizzjonali lill-bdiewa li jahdmu r-raba.

24.2. Il-KPZ saret membru f'Network tal-Mediterran msejjah Re.Co.Med u se nkunu qed nikkoperaw flimkien biex is-settur tal-Olive Tourism ikompli jikber fil-Mediterran.

24.3. Bhala parti minn din l-inizjattiva ghamilna talba lill-Bank of Valletta sabiex ninghataw donazzjoni sabiex naghmlu Monument imsejjah Olive Roads for Peace, li bhalu qed isir wiehed f'kull pajjiz tal-Mediterran.

24.4. Dwar dan is-suggett qed issir koperazzjoni wkoll ma' numru ta' koperattivi lokali sabiex norganizzaw network ta' bdiewa li jkunu jistghu jilqghu it-turisti ghandhom bi hlas, u dan dejjem biex jizdied id-dhul tal-bdiewa. Hawn domanda kbira sabiex it-turisti jmorru qrib in-natura u ghalhekk hemm boznn li jkun hawn interess akbar dwar is-suggett.

**25. Membri**

25.1. In-numru ta' membri fil-KPZ kompla jizdied u sa' l-ahhar ta' Frar 2024 kellna 77 membru li b'kollox hallsu is-somma ta' 4,000 Euro bhala kapital fil-KPZ.

25.2. Ghal din is-sena ghamilna target li jkollna 150 membru mhallas u ghalhekk hemm bzonn li jkollna s-sostenn tal-membri kollha biex ikollna numru akbar ta' membri matul din is-sena.

**26. Gheluq**

26.1. Il-Koperattiva Produtturi taz-Zebbug Limited twaqqfet biex tkun ta' servizz lill-membri taghha. Dan il-ghan iltlahaq bl-inizjattivi numeruzi li ttiehdu fl-ewwel sena mit-twaqqif taghha. Hemm bzonn li l-membri kollha jkomplu juru interess fil-hidma tal-Koperattiva biex lkoll flimkien inkomplu nimxu 'l quddiem.

26.2. Il-futur tal-Koperattiva jiddependi mill-hidma tal-Kumitat tat-Tmexxija u kemm ikollu l-membri warajh biex flimkien jahdmu fl-ahjar interess tal-membri kollha. Hemm bzonn li nkomplu nzidu n-numru ta' membri ghaliex mhux kulhadd fehem il-vantaggi tal-Koperattiva. Il-Kumitat tat-Tmexxija il-gdid irid ikompli jahdem f'ghaqda shiha u jwettaq il-programm li jkun gie miftiehem bejn il-Kumitat. Hemm bzonn li bil-ghaqal inkomplu nzommu d-destin u l-futur f'idejna biex is-settur taz-zebbug u taz-zejt ikompli jinghata l-importanza biex ikompli jikber u jissahhah.

| | |
|---|---|
| Jimmy Magro | Salvu Borg |
| President | Segretarju |